MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Rikors Numru. 179/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C 3177)**

**vs**

**Corser Joanna**
**(detentrici tal-karta ta’ l-identita`numru 116869 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat 21 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi permezz ta’ kuntratt ta’ self fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, datat 29 ta’ Settembru, 2004, l-intimata Joanna Corser inghatat self *ai termini* tal-kuntratt sucitat;
2. Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimata baqghet debitrici tas-socjeta` rikorrenti u ghaddew izjed minn tliet (3) snin mid-data tal-kuntratt sucitat u s-socjeta’ rikorrenti qieghda titlob l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 258 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, (Kap.12), tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tezegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimata Joanna Corser ghal bilanc li ghadu minnha dovut;

3. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qed titlob li tigi awtorizzata tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tliet (3) snin mid-data tal-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu;

Rat id-debita notifika tal-intimata permezz tal-pubblikazzjoni, (ara fol 42, 45 u 46), datata 15 ta’ Novembru, 2012;

Rat ukoll in-nota tas-socjeta’ rikorrenti datata 29 ta’ Jannar, 2013, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti ddikjarat li permezz tal-kuntratt hemm indikat fuq ukoll gia` riferit l-intimata nghatat is-self hemm dikjarat fejn l-istess intimata ghadha debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ tlieta u tmenin elf, hames mija u wiehed u ghoxrin Ewro u disgha u hamsin centezmu, (€83,521.59), kif hemm indikat;

Semghet lix-xhud prodott li rega’ kkonferma s-suespost;

Rat id-dokumenti esebiti.

Tirrileva li l-intimata baqqghet fi stat ta’ kontumacja;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-intimata nghatat self mis-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ tnejn u sebghin elf, mitejn u ghaxar Ewro,

sebgha u hamsin centezmu (€72,210.57), liema self sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef datat 29 ta' Settembru, 2004;

2. Illi l-intimata ghadha debitrici tal-bank rikorrenti fis-somma ta' tlieta u tmenin elf , hames mija wiehed u ghoxrin Ewro, disgha u hamsin centezmu, (€83,521.59), dovuti f'kapital u imghax li ddekorra fuq il-kapital sat-28 ta' Jannar, 2013;

3. Illi l-ahhar pagament effettwat mill-intimata sar fil-31 ta' Dicembru, 2009, u llum l-intimata tinstab moruza fi tnejn u erbghin, (42) pagament ta' erba' mija u seba' Ewro, tmienja u erbghin centezmu (€407.48), kull wiehed;

4. Illi in vista tal-kontumacja tal-intimata m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mir-rizultanzi kif fuq esposti;

Illi in vista tal-premess, din il-Qorti takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-ezekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv, stante li hu abbundantement pacifiku li ghaddew izjed minn tlett (3) snin mid-data tal-istess kuntratt;

2. Tiddikjara li l-intimata Joanna Corser ghadha debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tlieta u tmenin elf , hames mija wiehed u ghoxrin Ewro u disgha u hamsin centezmu, (€83,521.59), dovuti f'kapital u imghax li ddekorra fuq il-kapital sat-28 ta' Jannar, 2013 u dan *ai termini* tal-artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimata fuq indikata.

________________________

Onor.Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------